# IX-XMARA NIL
# U N-NIES TAN-NUBJA

Bejn l-Eġittu u s-Sudan, matul iż-żewġ xtajtiet tax-xmara Nil, hemm il-pajjiż tan-Nubja. In-naħa ta' fuq hi taħt il-ħakma tar-Repubblika Magħquda Għarbija, u dik t'isfel hi tas-Sudan. Barra mill-Għarbi, l-ilsien nazzjonali uffiċjali, dawk li jgħammru hemm jitkellmu bl-ilsien Nubjan, il-sien li ma għandu x'jaqsam xejn ma' l-ilsien Għarbi. U dan l-ilsien, naħseb, li żamm dejjem lin-nies tan-Nubja magħqudin bħala f'nazzjon għaliha, bi drawwiet u tradizzjonijiet għalihom.

Billi ilhom aktar minn sentejn li nbdew xogħlijiet kbar biex issir id-diga ta' Asswan u, għalhekk, taqsima kbira ta' artijiet għandhom jiġu mgħarrqa f'dik in-naħa, in-nies ta' hemm ilhom ġa li bdew iħallu djarhom u l-għelieqi tagħhom u jitilqu band'oħra. U min jaf, jekk 'il quddiem in-Nubjani, imxerrdin issa ma' ħafna naħiet ta' l-Eġittu, ikunux f'qagħda li jistgħu jżommu bla mittiefsa razzthom u jibqgħux miġbudin u fidili għad-drawwiet u tradizzjonijiet tagħhom.

Qabel, mela, ma dawn in-nies jitilqu għal kollox pajjiżhom, bejta għażiża fejn twieldu, trabbew, għammru u għexu għalihom, naraw xi ħaġa middrawwiet u tradizzjonijiet tagħhom li għandhom x'jaqsmu max-xmara Nil.

*

* *

Fin-Nubja, tista' tgħid, ma hemmx dar, ma hemmx familja li ma tħosshiex marbuta max-xmara Nil, għall-kbir u etern Nil! Tħossha marbuta, iva, b'irbit umanitarju, morali u soċjali. In-Nubjani għandhom emmna fix-xmara tagħhom bħalma "f'anġlu qaddis"; iħobbuh u għandhom qima lejh, bħallikieku xi divinità, xi alla. Din il-fidi tagħhom fin-Nil hi mxerrda mis-sud ta' Asswan, mogħtija minn missier għall-iben, sa waslet sa l-aħħar trufijiet tan-Nubja. U m'hemmx għax nistagħġbu: din is-sura ta' qima kienet tiġi mogħtija lill-ilmijiet tax-xmajjar qisu mill-ġnus kollha tal-qedem.

Minn żmenijiet l-aktar imbiegħda, għan-nies ta' l-Eġittu xejn ma kien hemm aħjar minn dawn iż-żewġ ħwejjeġ: in-Nil u x-xemx. Għall-Eġizzjan dawn iż-żewġ ħwejjeġ kienu l-għodda tal-ħajja; kienu għalih l-għajn mnejn jiġi l-ikel u ż-żamma fil-ħajja tal-bniedem, tal-ħxejjex u s siġar, u tal-bhejjem. B'hekk, ma qagħadx jaħsibha wisq l-imsejken Eġizzjan biex jinxteħet jadurahom bħala veri allat, u lix-xmara jsemmiha "HABAJ" u lix-xemx "RA".

U kif tista' ma tinġibidx u ma tqimx lil din ix-xmara li, fi żmenijiet stabbiliti, l-ilmijiet tagħha jogħlew, joħorġu minnha u jinferxu u jgħarrqu u jsaqqu l-artijiet ta' madwarha, sabiex imbagħad joħorfu, jonqsu qajl qajl u jerġgħu lura f'soddithom? B'dan il-fenomenu, l-art bl-għelieqi kollha tagħha, issir għammelija tal-għaġeb u titbiddel malajr f'tapit aħdar ta' ġmiel kbir u l-bniedem dlonk kien iħoss li għandu jagħraf qawwa ta' l-allat f'din il-bidla ta' ġid hekk kbir.

Minn hekk ġieli bdew juru lin-Nil taħt għamla ta' bniedem, imma

b'żewġ żejżiet kbar, biex ifiehemu li f'sura waħda ta' bniedem hemm il-missier u l-omm; għelm ta' mħabba u ta' ħniena; għelm ta' ilma għammieli, kif ukoll għelm ta' l-art għammerija tagħhom, kif ukoll tal-bnedmin, l-istess!

*

* *

Magħrufin kif nibtu ċerti tradizzjonijiet tan-Nubjani u l-għaliex huma



**Omm Nubjana.**

marbutin hekk b'qawwa man-Nil, nistudjaw issa xi ftit minnhom u li jagħtuna ftit iżjed dawl fuq dak li għedna.

Fost id-drawwiet tan-Nubjani imwertin minn missier għall-iben, hemm il-ħasla għodwija bl-ilma tal-għatba tad-dar, b'dak il-għan jew ħsieb li l-ilma jġib ir-risq fil-ġisem u fir-ruħ, inaddaf u jbiegħed kull deni. Emmna, din, li, biex ngħidu s-sewwa, insibuha f'kull naħa ta' l-Eġittu wkoll. Tal-ħwienet, tal-bars u ħafna oħrajn, ixarrbu bl-ilma f'kull għodwa l-art ta' quddiem bwiebhom għal dan l-istess għan. Din id-drawwa iżda, tan-Nubjani, bosta drabi għandha għanijiet oħra: taħt l-għatba ta' djarhom dawn, xi drabi, fi skutella tal-fuħħar, iqiegħdu 'feto' (rimi ta' bniedem mhux imwassal) u jidfnuh taħt l-għatba ta' djarhom, u jfhmu li, mbexxex bl-ilma tan-Nil, dlonk jistejqen.

**Ir-rit tal-ħtin (ċirkonċiżjoni). —** F'din iċ-ċerimonja t-tifel Nubjan qabel xejn, jiġi mqiegħed bil-qiegħda, b'maġenbu barmil mimli bl-ilma u li ġo fih il-qraba u l-ħbieb jitfgħu flus tal-medall bħala rigal. Kif titwettaq din il-ġabra tal-flus, it-tifel iqum biex imur fix-xmara, jaħsel idejh u riġlejh, bit-tama qawwija li jaqla' l-barka min-Nil. Kif jerġa' lura lejn id-dar isib l-ilma msaħħan biex jinħasel, u kif jeħles minn dan, jiġi mroxx fuqu ilma tal-ward biex ikun ifuħ; jilbes imbagħad, il-'kaftan' (libsa Għarbija) abjad u joqgħod jistenna ċ-ċerimonja tal-ħtin.

Kull meta jġedded il-qamar hi taħbita kbira għan-nies tan-Nubja. Għal kull bidu tax-xahar qamri, il-missirijiet u l-ommijiet b'għaġġla kbira jieħdu t-tfal uliedhom fix-xmara biex f'dak l-ilma jaħslulhom wiċċhom u jisteennew minn dan xahar ta' barka, waqt li jgħidu: "Agħmel, ja Sidi, li dan ix-xahar ikun mimli bir-risq u l-barka; u jbiegħed miż-żgħar uliedna l-għajn tal-għajjurin tagħna".

Hi drawwa, imma qisha għandha saħħa ta' liġi, li n-Nubjan għandu jagħżel il-seħbitu minn fost l-għadd tal-kuġini tiegħu; iżda jekk dan jinzerta ma għandux kuġini (każ rari ħafna!) imur fuq xatt ix-xmara u hemm joqgħod qisu moħbi jgħarrex fuq ix-xebbiet kollha li jmorru jimlew l-ilma. Malli tolqtu xi waħda li l-aktar tkun tgħoġbu, imur lura d-dar u jafda mal-ġenituri tiegħu li ġa għażel l-għarusa tiegħu; igħidilhom x'jisimha u siem missierha. Ilkoll flimkien, imbagħad, imorru għand dik il-familja u jfiehmu u jitolbu lil dawk il-ġenituri sabiex iżommu dik it-tifla tagħhom għax iridha b'għarustu l-ġuvni tagħhom. Il-ġuvni, imbagħad, malajr jitlaq jivvjaġġa jfittex ix-xogħol u, wara li jkun ħadem u bix-xogħol qala' biżżejjed flus biex jista' jwaqqaf bejtietu, jerġa' lura ferħan f'pajjiżu u jsir iż-żwieġ.

Iċ-ċerimonja taż-żwieġ issir f'dar l-għarus, fejn jinġabru qishom in-nies kollha tar-raħal; u jsir għana u sfin bl-addoċċ: irġiel għalihom u n-nisa għalihom, mifrudin mill-irġiel. Il-għana u s-sfin isiru bid-daqq taċ-ċimblu quddiem l-għarus bil-qiegħda b'maġenbu barmil mimli bl-ilma, li fih, dan, jiġu mixħutin ir-rigali. Fil-ħin miftiehem, imbagħad, l-għarus iqum biex imur fix-xmara Nil, imma f'bieb id-dar isib jistennewh ġuvintur oħra, bi friegħi tal-palm f'idejhom. Malli dawn jarawh, jibdew isawtuh b'dawk il-friegħi tal-palm; hu, biex jeħles minnhom, jibda jiġri qisu xitan, u l-ġuvintur għal warajh, isawtuh dejjem sakemm jasal san-Nil.

Jaqbillu jiġri kemm jiflaħ, waqt li jiset xabla u jżommha f'idejh, mingħajr imma ma jhedded lil ħadd, jew iħares 'l hawn u 'l hemm, jew ukoll li toħroġ minn fommu xi karba għasswat li qala'. Jekk biss igħid 'Ajma!' din tkun biżżejjed biex tisfratta kollox, u ż-żwieġ ma jsirx aktar. L-għarus, wara gwaj bħal dan, jiġi mixli quddiem il-kap tat-tribù.

Malli l-għarus jasal fix-xmara u jkun waħħal ix-xabla fir-ramel tax-xtajta tax-xmara, hekk jieqfu dawk il-ġuvintur mis-swat tagħhom. Jinħtieġ ukoll li dawk il-ġuvintur ma jkunux miżżewġin, għax, jekk miżżewġin, ma jkunux jistgħu jidħlu għal din iċ-ċerimonja.

Wara li l-għarus ikun ħasel idejh u riġlejh, tiġilu mqiegħda fuq moħħu 'ħaġa' li tbiegħdu minn xi seħer u li tkun magħmula minn qisu dqiq (hennè) magħġun bil-misħun u bil-fwieħa, u fuqha mwaħħla biċċa flus, li tkun tatu ommu bħala rigal tat?tieġ. Meta kollox ikun lest, kulħadd jerġa' lejn id-dar tal-għarus.

*

* *

Sabiħa hi, imbagħad, dik li jgħidulha l-'OFFERTA' tas-sagrifiċċju 'QURBAN' lill-Anġlu qatt imniġġeż tan-Nil.

Kif f'kull naħa tad-dinja jsiru talb u wegħdiet lill-allat biex jinqalgħu l-grazzji, ukoll fin-Nubja jintagħmlu talb u wegħdiet lin-Nil. Maqlugħa l-grazzja, dawk li jkunu jistgħu joffru lin-Nil is-'SATASEL', li hu bħal ħobż tal-qamħ u magħġun irqiq irqiq qisu l ostja tagħna; l-aktar fqar joffru lin-Nil il-'KHAMARIT', ħobż komuni. L-offerta tinxteħet fl-ilma biex jinqalgħu iżjed favuri min-Nil; minn dak in-Nil, li bih in-Nubjan jaħlef b'emmna sħiħa: "GĦALL-ĠIEĦ TA' BLA MNIĠĠEŻ NIL!"

Il-Musulmani fid-dinja kollha mdorrijin iqimu b'riti solenni l-lejl tan-nofs ix-xahar ta' "SHAABAN", it-tmien xahar qamri. Iżda, iqimuh in-nies tan-Nubja, imsemmijin għar-rabta qaw-

wija li għandhom mar-reliġjon u maddrawwiet qodma tagħhom.

F'daqsxejn ta' raħal jismu 'DAHMAT', hemm santwarju dedikat lill-HASSAN u lill-HASSANEIN. F'dan is-santwarju, f'sala kbira ħafna, hemm żewġ oqbra b'fuqhom bħal koppla tonda mgħottija bil-'KISWAT', li hu tapit kbir aħdar minsuġ bid-deheb fil-Kajr jew f'Lixandra. Dawn it-tapiti jitbiddlu kull sena f'nofs ix-xahar qamri ta' 'Shaabab', b'festa kbira li għaliha jmorru nies minn kull naħa tan-Nubja. Tmienja minn l-aqwa rġiel ta' saħħa u ta' faħal iduru mat-toroq kollha, bħal f'purċissjoni, b'quddiem il-banda ddoqq, u kant u għana ta' tifħir lill-Profeta Mawmettu, warajhom jimxi l-Kustodju tas-Santwarju, imbagħad eluf u eluf ta' rġiel b'warajhom ruxxmata nisa.

Wara li jkunu daru r-raħal kollu, jiġbdu lejn ix-xmara Nil u hemm irreffiegħa tat-tapit, libsin kif ikunu, jinżlu fin-Nil jaħslu t-tapit. Kif jeħilsu mill-ħasil tat-tapit, jerġgħu jerfgħuh imgħolli fuq il-lasti, jidħlu fis-santwarju u hemm it-tapit jiġi mifrux fuq il-qabar. Imma f'dak il-lejl in-Nubjani ma jmorrux jorqdu, iżda jgħadduh maġenb il-qabar jgħannu u jsemmgħu tifħir lill-Profeta Mawmettu jew jaqraw il-ħajja tiegħu.

*

* *

Madankollu, min qatt jobsor? Din ix-xmara Nil, hekk imfaħħra għall-ġid li għandha u li tagħti, għandha wkoll il-paġna kerha tagħha. Għandha l-biża', għandha l-'BABAW': il-babaw tax-xmara. Sura ta' bniedem, imma ta' bniedem ikreh ħafna, ħafna. Jemmnu n-Nubjani, li fil-ħin sewwa ta' nofs inhar, meta x-xemx tisreġ u tkun fil-qilla tagħha, il-'Babaw' joqgħod bil-qiegħda f'wiċċ l-ilma tax-xmara, b'riġlejh imsallbin, u msejken hu dak li jinzerta jkun għaddej u jiltaqa' miegħu, għax jagħmillu sinjal b'subgħajh u jsammru hemm fil-post; u mbagħad mingħajr ma jbaxxi sebgħu, jilħqu, jintafa' fuqu, jixroblu demmu, u ma jerħiħx qabel ma jsofflu demmu sa l-inqas qatra.

Għada pitgħada, meta tiġi mgħarrqa n-Nubja kollha mill-ilmijiet ta' dan alla tagħha, jgħibu wkoll dawn id-drawwiet u tradizzjonijiet tagħha, li biż-żmien jinbidlu f'oħrajn u biż-żmien ukoll ikunu jissejħu ħrejjef.

## EBDA ĦNIENA: AGĦŻEL KIF TRID TMUT BISS!

F'jum wieħed, Taimur Lang kien hekk qam bihom, li b'xejn ma ried jaf minħabba fi tweġiba aktarx xi ftit qarsa u . . . . li messitu fil-laħam il-ħaj, mingħand il-famuż Ġiħa; u Ġiħa, imsejken, ġie kkundannat għall-mewt.

Beżgħan u b'rogħda kbira Ġiħa nxteħet f'riġlejn it-tirann jitolbu l-grazzja.

Ebda grazzja — qallu s-Sultan — dak biss li għalik nista' u rrid nagħmel hu l-iżjed li ntik tagħżel is-sura ta' mewt, li biha trid tmut.

Ġiħa dlonk ħa n-nifs, qam bil-wieqfa, u qal lis-sultan: Grazzi, ja sidi, ħnientek salvatni! Taf, ja sidi, biex irrid immut? Bix-xjuħija! . . .

Din it-tweġiba ta' Ġiħa raqqdet il-qilla ta' Taimur Lang, u Ġiħa seta' jerġa' lura f'daru qawwi u sħiħ.